**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 54 – 5 ta' Diċembru 2011**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija u saret Aġenda 54. Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Duncan Bartolo | Viċi Sindku |
| | Dominic Cutajar | Kunsillier |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Mary Vassallo La Rosa | Kunsilliera |
| Skużati: | Ħadd | |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Philip Gatt | Project Manager |
| Pubbliku: | Għal din il-laqgħa attendew rappreżentanti tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ flimkien mal-Youth Worker tagħhom. | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Aġenda 53 għall-approvazzjoni u l-kummenti tal-Kunsilliera.

1.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab li punt 1.3 tal-minuti jiġi emendat u jaqra hekk, "Il-Kunsillier Joe Ciantar ġibed l-attenzjoni li punt 3.2.7 tal-minuti, il-frażi "Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu" kellha tinbidel u ssir "Il-mozzjoni ġiet approvata bil-maġġoranza tal-Kunsilliera jivvutaw favur". Kien hemm qbil dwar dan."

1.3.1. Il-Kunsillier Joe Ciantar għamel referenza għal punt 4.3 tal-minuti u talab li jitniżżel fuq il-minuti li huwa telaq mil-laqgħa wara li ma tħallix jesprimi ruħu għal darbtejn u telaq mil-laqgħa bi protesta.

1.3.2. Is-Sindku Alfred Grixti qal li mhux veru li huwa ma tħalliex jesprimi l-opinjoni tiegħu, imma fl-ewwel okkażjoni li għaliha qed issir referenza, l-Kunsillier Ciantar intalab jagħmel il-korrezzjonijiet tiegħu rigward il-minuti fil-ħin tal-korrezzjonijiet u mhux wara li ġew approvati l-minuti, u fit-tieni okkażjoni huwa kien talbu li jkun koerenti mal-kummenti li kien għadda fil-laqgħat ta' qabel. Is-Sindku Alfred Grixti ċaħad li ma kienx ħalla lill-Kunsillier Ciantar jesprimi ruħu u dan it-tip ta' aġir żgur li ma kienx jirrifletti t-tmexxija tiegħu bħala Sindku u dan jistgħu jikkonferawh il-Kunsilliera l-oħra. Is-Sindku Alfred Grixti kompla jgħid li fl-aħħar laqgħa l-Kunsillier Ciantar fl-ebda mument ma qal li telaq b' sinjal ta' protesta anzi dan kien talab li jiġi skużat għax kellu jmur id-dar jieħu xi pilloli. Il-Kunsillier Ciantar qal li għalkemm ma kienx qal b' mod speċifiku li telaq b' sinjal ta' protesta, kull min kien preżenti seta' jifhem dan. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-minuti jirriflettu dak li ntqal u mhux dak li jkun hemm f' moħħ l-individwu.

1.3.3. Il-Kunsillier Ciantar iddikjara li jrid li fil-minuti ta' Aġenda 54 jiġi mniżżel li huwa telaq kmieni mil-laqgħa bi protesta u għax ma tħalliex jitkellem.

1.3.4. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li l-Kunsillier Ciantar seta' faċilment jivverifika mal-*standing orders* tal-laqgħat sabiex jiċċekja kienx hemm xi skorrettezza fit-tmexxija tal-laqgħa minn naħa tiegħu bħala Chairman.

1.4. Il-Kunsillier Emanuel Agius għamel referenza għal punt 4.6 tal-minuti u rrefera għall-aħħar sentenza tal-paragrafu. Il-Kunsillier Agius qal li l-frażi "Il-Kunsillier Agius qal li ma kienx jimporta, u l-importanti kien li jieħu stampa tal-infieq." ma kienitx tirrifletti l-ħsieb tiegħu. Il-Kunsillier Agius spjega li huwa ried jgħid li ma kellu l-ebda oġġezzjoni li r-rendikont imressaq ma jkunx komplut minħabba invoices li jkunu għadhom ma daħlux.

1.5. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti ta' Aġenda 53 jiġu approvati hekk kif emendati. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Joe Ciantar

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-minuti ġew approvati. (148)

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

2.1.1. Il-Kunsillier Philip Said għamel referenza għal punt 6.1 tal-minuti u qal li ġie avviċinat minn resident li joqgħod fi Triq l-Isqof Caruana li qallu li qiegħed jidħol l-ilma fil-basement tiegħu kemm ilu li sar ix-xogħol fuq it-triq.

2.1.2. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li kien jaf bil-każ u ma kienx persważ mill-ġenwinità tal-każ. Is-Sindku spjega li kienu saru laqgħat mal-Project Manager u mal-Perit tal-Kunsill fuq il-każ u s-Sindku spjega li l-Perit kien responsabli għal dan ix-xogħol. Il-Kunsillier Philip Said qal li din il-persuna kienet daħħlietu d-dar u anke lilu ma kienet ikkonvinċietu xejn.

2.1.3. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa ma kien kuntent xejn bix-xogħol li sar fi Triq l-Isqof Caruana, mill-biċċa tal-Kunsill il-fuq. Is-Sindku kompla jgħid li ma jridx jitfa' dell ikrah fuq il-kuntrattur u s' issa dan kien ħadem tajjeb f' toroq oħrajn. Is-Sindku Alfred Grixti qal li nforma lill-perit tal-Kunsill u kien qiegħed jipproponi li bħala Kunsill ħa jitolbu jerġa jqaxxar dik il-biċċa tat-triq.

2.1.4. Il-Kunsillier Emanuel Agius qal li s-Sindku fil-laqgħa preċedenti kien qal li t-triq se titqaxxar meta jkun se jsir tqaxxir fit-toroq li jmiss isir xogħol fihom. Il-Kunsillier Agius ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill jitlob b' mod uffiċjali li triq l-Isqof Caruana mill-Kunsill 'il fuq tinqala' u terġa ssir. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu. (149)

2.2.1. Il-Kunsillier Joe Ciantar għamel referenza għal Triq il-Buskett u nforma lill-Kunsill li kien hemm xi toqob f' din it-triq li kienet għadha relattivament ġdida u t-toqob jindikaw li l-kuntrattur ma kienx żamm il-ħxuna tat-tarmac skond kif indikat fit-tender.

2.2.2. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li ġie nfurmat b' dawn it-toqob u ġiet organizzata laqgħa bejn il-perit tal-Kunsill, il-perit tal-Kuntrattur u l-Project Manager tal-Kunsill. Is-Sindku kompla jgħid li matul din il-laqgħa sar ftehim li fejn hemm il-ħsara jsir scarifying u jerġa jingħata t-tarmac, peress li din

it-triq kienet għadha bil-garanzija. Is-Sindku qal lill-Kunsilliera li kien hemm bżonn li meta jitkellmu man-nies fuq suġġetti simili dawn jagħtuhom risposta nfurmata. Il-Kunsillier Philip Said qal li jieħu gost meta jkun jista' jagħti tweġiba dettaljata lir-residenti.

2.2.3. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li fl-aħħar mill-aħħar ir-responsabiltà tax-xogħolijiet hija tal-perit tal-Kunsill peress li huwa l-konsulent li jrid jiċċertifika l-kwalità tax-xogħolijiet.

2.3.1. Il-Kunsillier George Cortis informa lill-Kunsill li kienet saret laqgħa bejnu u l-Kunsillier Dominic Cutajar rigward il-bus shelter tal-pjazza. Il-Kunsillier Cortis spjega li wara li ġew evalwati l-varji stimi u d-disinni, huwa kien qiegħed jipproponi li l-Kunsill jagħżel lill-kuntrattur Richard Cutajar bi stima ta' €3,200.

2.3.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar ikkummenta dwar jekk il-Kunsill għandux jitlob lil Transport Malta sabiex tibdel dan il-bus shelter. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li dan il-bus shelter kien responsabilta' tal-Kunsill u l-Kunsill kien diġa stenna ħalli jara dan il-bus shelter kienx se jinbidel bir-riforma tat-trasport pubbliku u għalxejn wieħed joqgħod jistenna.

2.3.3. Il-Kunsillier Dominic Cutajar talab li jiġi skużat b' mod temporanju mil-laqgħa wara li ddikjara kunflitt ta' interess peress li l-kuntrattur kien in-neputi tiegħu. Il-Kunsillier Cutajar ħareġ mill-kamra.

2.3.4. Il-Kunsillier George Cortis ressaq mozzjoni sabiex ix-xogħol tal-bus shelter tal-pjazza jingħata lis-sur Richard Cutajar. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata. (150)

2.3.5. Il-Kunsillier Dominic Cutajar reġa daħal fil-kamra.

2.4. Il-Kunsillier Philip Said għamel referenza għal punt 7.7 tal-minuti u talab li jkun jaf jekk ir-rapport dawr l-ilmenti tal-kuntratturi kienx lest. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan ir-rapport kien qiegħed jinħadem.

2.5. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jkun jaf jekk ir-rapport dwar l-infieq tal-attivitajiet kulturali kienx lest. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan kien lest u wara l-laqgħa kulħadd seta' jieħu kopja.

2.6. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jkun jaf f' hiex wasal ix-xogħol ta' tindif tal-culverts. Il-Project Manager wieġeb li minħabba x-xita riċenti l-kuntrattur ma setax jaħdem u kien se jkompli meta t-temp jippermetti.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-kunsilliera li kiteb ittra ta' protesta lill-Mons. Arċisqof dwar id-dar tas-sorijiet f' Misraħ l-Isptar. Is-Sindku spjega li xi jiem qabel, ġie avviċinat minn numru ta' residenti urtati għall-fatt li għamara antika u pitturi ttieħdu minn din id-dar fil-proċess li din tgħaddi f' idejn il-privat sabiex issir dar għall-anzjani. Is-Sindku kompla jgħid li huwa jħoss li din id-dar u r-rikkezzi tagħha kienu taż-Żebbuġin. Is-Sindku qal li huwa kien ta l-ordni lill-perit tal-kunsill sabiex jinbeda l-proċess sabiex din il-propjeta tiġi skedata, filwaqt li kkonferma li bħala Kunsill kien se jagħti l-appoġġ tiegħu għall-petizzjoni li qegħdha tiġi ċċirkolata.

3.2. Il-Viċi Sindku Duncan Bartolo daħal għal-laqgħa fis-7.10pm.

3.3.1. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għal ittra mibgħuta mir-rappreżentanti legali ta' Transport Malta lis-sur Alfred Manduca dwar il-weeping holes fil-ħajt tal-propjeta' tiegħu fi Triq Ħali. Is-Sindku spjega li fl-aħħar, il-pressjoni mwettqa mill-Kunsill ħalliet il-frott għax is-sur Manduca kien qiegħed jiġi mitlub jiftaħ dawn it-toqob b' mod immedjat jew fin-nuqqas ta' dan dawn kienu se jinfetħu a spejjeż tiegħu minn Transport Malta.

3.3.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar qal li meta kien huwa Sindku mhux l-ewwel darba li qabad u fetaħ dawn it-toqob. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li huwa ma kienx lest li jieħu l-liġi b' idejh anke meta jkollu raġun għax inkella jbatu r-residenti. Huwa żied jgħid li dan kien il-parir li tah ukoll l-Avukat tal-Kunsll, Dr. Gavin Gulia, u li kien grazzi għall-mod kif fittex lill-Gvern biex jieħu azjzoni ħalli jipproteġi d-dritt tiegħu ta' servitù li wassal biex iċċaqalqet Transport Malta.

3.3.3. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa kien kellem ukoll lill-Ispettur Zammit li minn naħa tiegħu kien lest li jiftaħ dawn it-toqob la darba jkun hemm periklu għar-residenti. Is-Sindku Alfred Grixti xtaq li jitniżżel fil-minuti l-apprezzament tiegħu bħala Sindku u bħala Kunsill kemm lis-Sur Simon Grima ta' Transport Malta, u s-sur Charles Bonello tal-Uffiċju tal-Prim Ministru tal-għajnuna tagħhom f' din il-kwistjoni.

3.4.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li kellu numru ta' laqgħat mal-Ispettur il-ġdid Roderick Zammit, fejn jidher li l-Ispettur Zammit għandu pjan ta' żamma tal-ordni proattiva, u diġa kienet qed tinħass presenza akbar tal-pulizija u kien qiegħed jitwassal messaġġ li ċertu mġieba mhux tollerata aktar.

3.4.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar qal li rċieva diversi lmenti mingħand residenti li m' għadhom'x jitħallew jipparkjaw il-muturi fil-maqrut tal-pjazza. Il-Kunsillier Joe Ciantar qal li meta ġiet disinjata l-pjazza dan il-maqrut kien maħsub għalhekk. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-muturi ma kienux qed jitħallew hemm hekk fuq ordni tal-Ispettur minħabba li l-maqrut kien qiegħed jiġi kkunsidrat bħala *traffic island*. Is-Sindku kompla jgħid li sabiex tittaffa l-inkonvenjent kienu nħolqu parking bays apposta għall-muturi quddiem il-Każin San Filep.

3.4.3. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li saret laqgħa bejnu, l-Authorised Officer u l-Ispettur Zammit fejn ġiet diskussa sinerġija bejn il-pulizija u l-wardens fiż-żamma tal-ordni. Is-Sindku qal li matul din il-laqgħa l-Ispettur talab li ż-żamma tal-ordni fil-pjazza titħalla f' idejn il-pulizija, kif ukoll sabiex tiġi rilokata l-camera ta' Misraħ San Filep. Is-Sindku spjega li l-Ispettur talab li l-camera titpoġġa ħdejn Bieb de Rohan minħabba abbużi persistenti ta' parkeġġ.

3.4.4. Is-Sindku Alfred Grixti ikkummenta li għall-ewwel darba kemm ilu fil-Kunsill, mar fuq warden u talbu jiċċaqlaq minn fejn kien. Is-Sindku spjega li kellu diversi rapporti fuq warden li kien qiegħed jintefa f' post wieħed fiss u jħarrek minn hemm. Is-Sindku qal li huwa qatt ma kien kontra l-infurzar imma mhux b' dan il-mod u talab lill-warden biex ma jibqax stazzjonarju imma jdur jew bil-karozza jew bil-mixi.

3.4.5. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li kienet inizjattiva sabiħa tal-Kunsill li sar xogħol ta' tisbiħ ħdejn Sant' Antnin. Il-Kunsillier Cortis irringrazzja lis-Sindku u l-Kunsill li laqgħu il-proposta tiegħu.

3.5. Il-Viċi Sindku Duncan Bartolo talab li l-Kunsill jidħol fi stadju ta' kumitat sabiex il-membri tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ jintroduċu ruħhom lill-Kunsill u jispjegaw il-ħidma tagħhom. Il-laqgħa waqfet fit-8pm.

3.6. Il-laqgħa tkompliet fit-8.10pm. Il-Viċi Sindku Duncan Bartolo talab li jiġi skużat. Huwa telaq fit-8.10pm.

## 4. VOT TA' FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-kummenti tal-Kunsilliera.

4.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius irrefera għall-pagamenti relatati mal-website u talab li jkun jaf jekk dawn kienux skond ir-rati tat-tender. Is-Segretarju Eżekuttiv filwaqt li spjega x-xogħol li sar, ikkonferma li r-rati kienu skond it-tender. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta li kien jiddispjaċih li għalkemm l-website kienet taħt ir-responsabilta tiegħu huwa ma kellux iċ-ċans li jagħti l-kontribut kollu tiegħu.

4.3. Il-Kunsillier Joe Ciantar qal li huwa kien se jkun konsistenti ma' dak li qal fil-laqgħat preċedenti u ma kienx se jikkummenta fuq il-pagamenti ta' M&E Management. Il-Kunsillier Ciantar ikkummenta li l-ħadid li saru quddiem il-każin tal-Partit Laburista u t-12th May kienu diġa qalgħu xi daqqiet. Il-Kunsillier Ciantar ressaq suġġeriment sabiex isiru ħadid simili quddiem l-iskola sekondarja għas-sigurta tat-tfal.

4.4. Il-Kunsillier Joe Ciantar ikkummenta li minn kif jidher fil-vot tal-flus il-Kunsill kien qiegħed jagħti ħafna direct orders u dan kien ta' tħassib kbir. Il-Kunsillier Ciantar qal li meta wieħed jgħodd flimkien il-pagamenti kollha mmarkati K dawn kienu jammontaw għal-somma mhux ħażin. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsillier Ciantar li s-simbolu K kien jirriferi għal kwotazzjonijiet u mhux għal direct orders. Is-Segretarju għamel referenza għall-ispjega tas-simboli użati fil-vot tal-flus aktar l-isfel fil-paġna. Huwa kompla jgħid li għal kuntrarju il-pagamenti b' direct order kienu jammontaw għal biss għal €130.

4.5. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex l-iskeda tal-pagamenti tiġi approvata hekk kif mressqa. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Dominic Cutajar. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Joe Ciantar (il-Kunsillier Ciantar astjena biss fuq il-pagamenti ta' M&E Management, huwa ivvota favur fuq il-pagamenti l-oħrajn).

Il-mozzjoni ġiet approvata. (151).

## 5. TENDER GĦALL-MANUTENZJONI U TISWIJA TA' TABELLI U SINJALI TAT-TRAFFIKU

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li għal din is-sejħa ta' offerti kienu ssottomettew l-offerta tagħhom tlett kuntratturi;

B. Grima & Sons

Koperattiva Tabelli u Sinjali (Koptasin)
Maurizio Gauci

5.2. Is-Sindku Alfred Grixti ċċirkola kopja tar-rapport imħejji mill-kumitat tal-evalwazzjoni u aġġudikazzjoni tat-tenders. Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera jgħaddu l-kummenti tagħhom.

5.3. Il-Kunsillier Joe Ciantar ikkummenta li huwa jipproponi lil B. Grima & Sons għax meta kien Sindku dejjem qdewh tajjeb u f' lokalitajiet oħrajn jarahom jagħmlu xogħol tajjeb.

5.3. Is-Sindku Alfred Grixti ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Koptasin kienet qed toffri l-iktar rati kompetittivi, kif ukoll r-rakkomandazzjoni tal-bord kienet tindika f' dik id-direzzjoni. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex it-tender għall-manutenzjoni u t-tiswija ta' tabelli u sinjali ta' traffiku tingħata lil Koptasin skond ir-rakkomandazzjoni tal-bord tal-evalwazzjoni u l-aġġudikazzjoni tat-tenders. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier George Cortis. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu. (152)

5.4. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta li issa li ntgħażel il-kuntrattur wasal iż-żmien li s-sinjali f' Ħaż-Żebbuġ jingħataw importanza.

## 6. UPDATE FUQ XOGĦOLIJIET PENDENTI

6.1.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li għas-sejħa tal-offerti tat-toroq tal-PPP tat-tielet fażi kien hemm offerta waħda biss, mingħand Bonnici Bros., iżda meta l-perit tal-kunsill eżamina din l-offerta huwa ġibed l-attenzjoni li r-rati sottomessi kienu għoljin ħafna meta kkumparati mar-rati tal-istess kuntrattur fit-tenders tal-PPP preċedenti. Is-Sindku qal li meta wieħed jifli dawn ir-rati hemm differenza ta' 40% aktar. Is-Sindku kompla jgħid li teknikament il-Kunsill ma jkun qiegħed jagħmel xejn ħażin jekk jagħti t-tender lil dan il-kuntrattur, iżda fl-aħħar mill-aħħar huma kienu qegħdin jimmaniġġjaw fondi pubbliċi u ma jkunx responsabli li jagħmel hekk.

6.1.2. Is-Sindku Alfred Grixti qal li kif kien spjega xi xhur ilu l-kuntrattur Bonnici Bros kien ressaq talba sabiex jingħata għajnuna minħabba li l-prezzijiet taż-żejt kienu għolew, u din it-talba kienet tressqet lil Dr. Chris Said li min naħa tiegħu kien ressaq kollox quddiem il-ministeru tal-finanzi. Is-Sindku spjega li fid-dawl ta' dan huwa ma jħossx li l-prezzijiet għoljin tat-tender huma ġustifikati.

6.1.3. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lil Dr. Chris Said u lid-Dipartiment u tintalab gwida fuq din is-sitwazzjoni u skond ir-risposta l-Kunsill jerġa jiddiskuti x' azzjoni jieħu.

6.2. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għat-tender tal-Manutenzjoni tal-komun tal-blokki tal-gvern. Is-Sindku spjega li huwa jinsab tassew urtat li kollox jinsab wieqaf għal aktar minn xahar minħabba li l-Kunsill għadu qiegħed jistenna gwida mid-dipartiment. Kemm il-kunsill kif ukoll rappreżentanti tal-Awtorità tad-djar kitbu kemm il-darba lid-Dipartiment sabiex jitolbu deċiżjoni fuq dan it-tender. Is-Sindku spjega li dan huwa aktar gravi fid-dawl tar-rapporti li jidhru fuq il-media fuq Kunsill li titnaqqas parti mill-allokazzjoni għal dewmien sabiex jissottomettu rapporti finanzjarji jew xi risposta għal xi mistoqsija parlamentari, u dan mhux dejjem minħabba tort tagħhom. Is-Sindku qal kif fil-laqgħa plenarja tal-kunsilliera huwa esprima dan il-fatt b' mod pubbliku. Huwa qal li bejn li jaqdi resident u jwieġeb mistoqsija parlamentari, huwa jippreferi jaqdi lir-residenti.

6.3. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li fuq Vjal il-Ħelsien ix-xogħol kien miexi u saru laqgħat fuq il-post mal-WSC sabiex ikun ikkordinat ix-xogħol li se jsir fuq din it-triq. Is-Sindku spjega li sadanittant ħa jitkompla x-xogħol ta' qlugħ ta' siġar u x-xogħolijiet jibdew wara l-festi tal-Milied, peress li l-kuntratturi huma miżmuma milli jaħdmu bejn it-22 ta' Diċembru u t-2 ta' Jannar.

## 7. ĦWEJJEĠ OĦRA JEKK MEQJUSA URĠENTI

7.1. Il-Kunsillier Mario Borg talab li jkun skużat. Huwa telaq fid-9.05pm.

7.2. Il-Kunsillier George Cortis talab li jkun jaf x' inhi l-proċedura sabiex il-kumitat lokali tal-Partit Nazzjonalista jaqla' l-wires li hemm mall-faċċata tal-każin. Il-Kunsillier Dominic Cutajar wieġeb li kellhom japplikaw mal-Enemalta għal dan ix-xogħol u din tista jew twaħħal arbli taħt il-bankina, jew inkella a spejjeż tal-applikant tgħaddi trinka minn taħt il-bankina. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-Kunsill lest li jgħin fejn huwa possibli. Il-Kunsillier George Cortis irringrazzja lis-Sindku.

7.3.1. Il-Kunsillier George Cortis ressaq proposta lill-Kunsill sabiex tiġi organizzata tiġrija taż-żwiemel fit-triq tal-Plieri. Il-Kunsillier Cortis qal li ġewwa Ħaż-Żebbuġ kien hemm ħafna dilettanti taż-żwiemel. Is-Sindku

Alfred Grixti talab lill-kunsillier George Cortis x' kien mitlub mill-Kunsill. Il-Kunsillier Cortis spjega li l-Kunsill kellu japplika għall-permessi, ambulanza, insurance u pulizija.

7.3.2. Il-Kunsillier Dominic Cutajar qal li din il-proposta kienet waħda tajba u jissuġġerixxi li l-qliegħ minn dan l-avveniment imur għal Puttinu Cares. Il-Kunsillier Dominic Cutajar qal li minn naħa tiegħu huwa jissuġġerixxi li ssir ukoll sparatura għal għan benefiku. Il-Kunsillier George Cortis ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill japprova l-organizzazjoni ta' tiġrija taż-żwiemel u sparatura u li l-flus miġburin jingħataw lil Puttinu Cares. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Dominic Cutajar. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu. (153)

7.3. Il-Kunsillier Joe Ciantar fakkar lill-Kunsill li għad trid issir il-laqgħa għall-komunita'.

7.4. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab li jkun jaf jekk il-Kunsill jistax jiffinanzja party tal-Milied għall-anzjani. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li l-Kunsill skond il-liġi ma jistax jorganizza parties simili. Is-Sindku Alfred Grixti kien hawn li ssuġġerixxa li l-anzjani li s-soltu jattendu għal-laqgħat jiġu mistiedna għas-serata ta' folk li l-Kunsill kien se jorganizza fit-30 ta' Diċembru 2001. Il-Kunsillier Ciantar wieġeb li kien se jorganizza attivita f' Jannar u din se tkun sponsored.

7.5. Il-Kunsillier Philip Said ressaq ilment dwar parkeġġ bl-addoċċ fi Triq l-Imdina.

7.6. Il-Kunsillier Philip Said informa lill-Kunsill li wieħed mill-kelliema tas-seminar dwar Dun Karm, waqt taħdida pubblika oħra għamel referenza għas-seminar organizzat mill-Kunsill u faħħar lill-Kunsill speċjalment għall-workshop tat-tfal organizzat.

## 8. AĠĠORNAMENT

8.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa. Il-laqgħa spiċċat fid-9.25pm.

Alfred Grixti
Sindku

Christopher Formosa
Segretarju Eżekuttiv